MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Numru 283/2013

Il-Pulizija

(Spetturi Fabian Fabri u Rodrick Agius)

vs

Elaine Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 204981(m), akkuzata talli:

1. nhar it-18 ta' Marzu 2013 ghal habta ta' bejn 00.30hrs u 02.00hrs, gewwa Ta' Xbiex u f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' madwar 300 euro liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bl-ammont li jeccedi €232.90 izda ma jeccedix €2,329.37, bil-hin u li sar ghad-dettriment ta' Alan Warren Cefai;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet ghall-persuna ta' Alan Warren Cefai permezz ta' pepper spray u kkagunajtlu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr.Mario Cilia mill-Isptar Mater Dei;
3. fl-istess data,hin, lok u cirkostanzitlajjet ghall-prostituzzjoni;

4. fit-18 ta' Marzu 2013 kif ukoll fid-19 ta' Marzu 2013 f'dawn il-gzejjer naqset milli thares il-kundizzjonijiet impost fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr.Gabriella Vella LL.D datata 16 ta' Dicembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;
5. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49.50,289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas tal-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li per mezz tieghu u tal-artikoli tal-ligi fih citati bghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputata tghid li ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza taghha tinstemgha u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kontra l-imputata jiskaturixxu minn rapport li kienet ghamlet certa persuna ta' sess maskili li fil-hinijiet kmieni tal-gurnata tat-18 ta' Marzu 2012 gewwa l-Gzira kien mar mal-imputata fil-vettura tieghu u kienu waqfu fil-procint tal-ammbaxxata Ingliza f'Tax-Xbiex. Ir-rapport kien li l-imputata kienet hawnhekk serqitu €300 u kienet raxxitu f'wiccu bi 'pepper spray'.

L-imputata fl-istqarrija minnha rilaxxjata lill-Pulizija dwar il-fatt li kienet hadet il-flus, ghalkemm tghid li kienu inqas minn €300, tammettieh u anka dwar l-uzu tal-'pepper spray'.

Fuq din l-istqarrija li tikkorrobora l-fatti materjali kif xedhom l-kwerelant l-akkuzi riferenti ghas-serq aggravat bil-vjolenza, valur u hin u l-offiza hafifa fuq il-persuna jirrisultaw. Kwindi, u ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali, b'referenza ghall-akkuzi dwar is-serq tirrizulta a bazi tal-artikoli tal-ligi minnhu citati kompriz l-Artikolu 274(c) li jinkorpora u jassorbi fih il-piena prevista taht l-Artikolu 221(1)(2) tal-Kap 9 u citat fl-inciz (b) tar-rinviju ghall-gudizzju.

Mill-bqija tal-artikoli tal-ligi citati fir-rinviju ghall-gudizzju:

- dwar l-artikolu 7(2) tal-Kap 63 il-provi ma wasslux biex gie pruvat ir-reat. Ma rrisultax, ghalkemm presunt, li l-imputata kienet fit-triq jew f'post iehor espost ghall-pubbliku; lanqas li kienet qed titlajja jew taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni. Elementi essenzjali tar-reat in meritu;
- dwar l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 li jittratta ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuq helsien mill-arrest hemm nuqqas totali ta' provi stante li d-digriet tal-Qorti relattiv, cioe

dak datat 14 ta' Marzu 2012, fl-ebda stadju ma gie esebit, anzi mis-sentenza esebita in atti, tal-15 ta' Awissu 2014, dan id-digriet li l-Avukat Generali kien qieghd jitlob ghalih kien gie revokat;

- dwar l-ksur ta' ordni ta' probation (taht l-incis [e] tar-rinviju ghall-gudizzju) - tirrisulta l-prova mis-sentenza esebita ta' din il-Qorti differentement kostitwita; il-piena relattiva hi pero' kwistjoni li hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti;
- ir-recidiva tinsab pruvata;

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddecidi wara li rat l-Artikolu 261(a)(c)(f), 274(c), 221(1)(2), 49, 50 289, 17, 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 li tikkundanna lill-imputata tlett snin prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------